# Naghzel u naghmel dak li joghgob lil Alla.

Wiehed kuntrattur kellu bzonn isiefer u qabbad prokuratur biex jiehu hsieb ix-xoghol tal-bini waqt li jkun barra l-pajjiz.  Tah tliet pjanti u qallu jaghzel wahda u jibniha sakemm jigi lura. Il-prokuratur qaghad jifli l-pjanti.  Wahda, villa enormi, warrabha ghax qal li fiha wisq xoghol. L-ohra, dar imdaqqsa u sabiha, xorta hass li kien fiha hafna x'taghmel. Hares lejn l-ahhar wahda u ra li kienet perfetta! Naqra ta' garaxx, kcina u *toilet*! Dam itella' u jnizzel. Fl-ahhar iddecieda li jibnilu tat-tielet.

"Heqq, hu mhux nibnilu wahda qalli?"

Allura jibni l-villa jew il-garaxx, xorta wahda jkun qdieh lis-sinjur u ma jkun ghamel xejn hazin!

Lesta x-xoghol u hadha *easy* ghall-bqija taz-zmien. X'hin gie s-sinjur, hadu jara x-xoghol. Is-sinjur deher sodisfatt. Qabad ic-cavetta u qallu: "Ha c-cavetta, dak li bnejt ghalik!"

Tistghu timmaginaw kemm iddispjacih il-prokuratur li ma kienx bena' l-villa! "Fejn qatt bsart li dak li kont qed nahdem kien se jkun ghalija? Kieku kont naf kont niddeciedi mod iehor!"

**X'jaqbilli jew ma jaqbillix?**

Forsi qatt ma sibt ruhi f'sitwazzjoni bhal din imma kemm-il darba nirraguna bhal dak il-kuntrattur. Jiena nisrani, wiehed mill-ulied addottivi t'Alla, li weghdtu li ser nahdem ghalih biex inxandar l-evangelju tieghu u noqghod nkejjel u nfettaq kif ser inbati l-inqas, u kemm u fejn jaqbilli jew ma jaqbillix.

X'jimbuttani l-aktar fid-decizzjonijiet tieghi? Alla, l-ohrajn, jew jiena nnifsi? Hafna drabi nsib lili nnifsi centru tat-twegiba tieghi. Jiena dejjem u f'kollox ghandi nfittex li nghogob lil Alla, il-Hallieq tieghi u ta' kulhadd. Alla jrid ikun ic-centru ta' l-ghazliet tieghi. Jekk mhux, irrid niehu decizzjoni li nibda' li jkun

hekk u jekk jigri li xi drabi nfalli, ma jimpurtax, nitlob l-ghajnuna, nqum u nerga' nibda' mill-gdid.

**L-INSIGURTA'**

Jista' jkun hemm cirkustanzi li fihom in-nies ta' madwari jinfluwenzawni. "Mhux kulhadd hekk qed jaghmel". Kulhadd jevita fejn jahseb li jista' jlaqqat l-influwenza. Hadd ma jirraguna: "U iva mhux kulhadd marid…inkun bhalhom."

Pero' nahsbuha differenti fejn jidhlu decizzjonijiet tar-ruh.Nahsbu li jekk ma nkunux bhal haddiehor ma nkunux accettati jew jghidu fuqna. Boloh u boloh li ahna nibnu r-relazzjoni taghna ma' Alla fuq l-ghidut tal-bnedmin flok fuq il-ligi u r-rieda tieghu.

In-nisrani li r-relazzjoni tieghu ma' Alla ma tkunx mibnija fuq il-blat ikun qed jitbiegħed mit-triq tal-verita' u l-gustizzja. Meta n-nisani jkun qed jabbaza d-decizzjonijiet tieghu fuq ir-rieda u x-xewqat tieghu jkun qed jeqred bil-mod il-mod d-drawwiet li ghaddewlna ta' qabilna, drawwiet ta' insara maturi u mghammda msejsa fuq l-Evangelju ta' Kristu.

Kemm nies li biex ma jilghabux mal-principji u valuri ta' insara tilfu kull ma kellhom sahansitra hajjithom stess.

U jiena nibqa' naghmel kompromessi mal-kuxjenza bl-iskuza li l-lum huwa zmien ta' hekk.

**Kuxjenza ffurmata u umiltà**

Biex inserrah rasi li l-ghazliet tieghi huma skond l-evangelju ta' Kristu irrid nifforma l-kuxjenza tieghi fuq it-taghlim ta' Kristu u tal-knisja.  San Pietru kien sajjed espert izda qaghad ghall-kelma ta' Kristu avolja kien cert li Kristu ma kienx jifhem daqsu fis-sajd. U r-rizultat ilkoll nafu x'kien.

Irridu nhaddmu fina l-virtu ta' l-umilta' u nbaxxu rasna ghas-superjuri leggitimi taghna li l-interess taghhom hu l-gid kommunitarju.  B'atti ripetuti fejn incedi lil Alla u nhallih jahdem fija u bija jirnexxili ndahhal drawwiet fija li jeghlbu l-egoizmu tieghi.

L-ubbidjenza tnissel titjib kbir fil-hajja tieghi u fl-ambjent ta’ madwari. Jonqsu d-dubbji, it-tensjonijiet, l-ansjetajiet u d-dizappunti. Fil-punt ta’ mewti nkun nista’ nserrah mohhi li d-decizzjonijiet tieghi kienu mibnija fuq serjetajiet eterni.

Bid-decizzjonijiet tieghi favur Alla jiena nkun qed nigglorifikah u Hu jberikni u jinqeda’ bija biex Hu jasal ghand l-ohrajn. B’decizzjonijiet tieghi favur Alla tkun qed tikber u tinxtered is-Saltna qaddisa tieghu.